MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-7 ta' April, 2008

Numru 281/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Edmond Cuschieri)**
**(Spt. Robert Vella)**
**vs**
**Francielle Ellul**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Francielle Ellul** ta’ 23 sena, bint Martin u Miriam nee’ Magro, imwielda nhar it-3 ta’ Dicembru, 1984 fil-Pieta’, residenti 10, Triq l-Arkata, Paola u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 21385(m);

Talli fis-27 ta’ Marzu, 2008 f’xi hin matul il-gurnata gewwa l-Isptar Mater Dei, Birkirkara By-Pass, Msida, ikkomettiet serq ta’ Cashlink Card mahruga mill-BOV, f’isem Mariella Montebello liema serq huwa aggravat bil-persuna (Art 268)

talli wkoll nhar is-27, 28 u 29 ta' Marzu, 2008 f'diversi hinijiet u postijiet differenti f'dawn il-gzejjer ikkometejt serq bl-istess Cashlink Card li jammonta ghal 1151.77 Ewro, liema serq huwa aggravat bil-valur ta' aktar minn 232.94 Ewro izda anqas minn 2562.31 Ewro ghad-dannu ta' Mariella Montebello u tal-B.O.V (Art. 267)

kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat fuq akkont ta' terzi persuni b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien flaz min obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu iffurmati, inkella billi zidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' il-Cashlink card tal-B.O.V u dan bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

u aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamilt qliegh ta' 1151.77 Ewro ghad-dannu ta' Mariella Montebello u tal-B.O.V u dan bi ksur tal-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputata sabiex il-kaz kontra taghha ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputata;

Stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha;

Rat l-artikoli 261(c), (d), 279 sa 281, 183 u 308 tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputata;

Tikkundannaha ghal-terminu ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputata tikkommetti rejat iheor punibbli bi prigunerija sa zmien sena mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9, inoltre tobligaha tirrestitwixxi l-ammont ta' Euro 1151.77 lill Mariella Montebello jew lill-BOV plc skond il-kaz fi zmien hames xhur mil-lum skond l-artikolu 28H tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputata naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------